MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 138/1998/1

Rapa Brothers Company Limited .

vs

Joseph u Rita konjugi Grima .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' tmien mija u sebgha u tmenin lira maltija (Lm887) rapprezentanti valur ta' diversi konsenji ta' "Ready Mix", debitament mibjugh u konsenjati lill-konvenuti kif del resto gia gie ammess minnhom stess .

Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u bl-interess legali dekorribbli mid-data ta' kull konsenja sal-hlas ghas-saldu kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

Illi fl-ewwel lok, Emanuela Rapa ma ghandhiex ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ attrici, u ghalhekk dan l-avviz ma giex regolarment prezentat bil-konsegwenza illi huwa rritu u null u l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju .

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Borg tad-Diretturi tas-socjeta’ attrici ma tax il-kunsens tieghu ghall-prezentata ta’ dan l-avviz, bil-konsegwenza wkoll illi dan huwa rritu u null u l-esponenti ghandhom jigu lieberati mill-osservanza tal-gudizzju ;

Illi fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qatt ma rrifjutaw illi jhallsu l-ammont realment dovut lis-socjeta’ Rapa Bros company Limited; izda huma kienu ftehmu ma’ Frank Rapa illi l-hlas ta’ dan l-ammont ghandu jsir kontemporanjament mal-hlas da parti ta’ l-istess Frank Rapa ta’ ammont dovut dovut minnu lill-esponenti bi hlas ta’ xoghol imwettaq minnhom fl-interess tieghu u ta’ martu Emanuela Rapa . Hin minnhom, dawn il-konjugi Rapa bdew jivventaw hafna skuzi sabiex ma jhallsux l-ammont dovut minnhom; filwaqt illi ippretendew ukoll illi l-hlas dovut lis-socjeta’ Rapa Bros Company Limited isir lilhom biss meta huma ma humiex l-unici azzjonisti jew diretturi tal-kumpanija .

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra min pprezenta dan l-avviz .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas ghal diversi konsenji ta’ *ready mix* mibjugha lill-konvenuti fuq ordni taghhom stess . Ma ngiebu ebda provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu minnufih skartati . Fil-mertu l-konvenuti eccepew illi qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-ammont

mitlub lis-socjeta' attrici, imma din hija wkoll debitrici lejha ghal xoghol iehor maghmul mill-konvenut fuq inkarigu taghha .

Jidher ghalhekk illi l-konvenuti qed jghidu illi ghandu jkun hemm xi forma ta' tpacija bejn il-krediti rispettivi . Il-ligi taghna tghid illi t-tpacija ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun cert, likwidu u dovut[1] . Fuq principji simili fil-ligi taljana l-**Giorgi** jghallem illi : ***"La compensazione legale e' quella che si fa di diritto in virtu' della legge, ed anche all'insaputa dei debitori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono per la quantita' corrispondente."***[2] Fil-kaz in ezami s-socjeta'attrici qed titlob is-somma ta' Lm887 . Din it-talba tinsab korroborata b'sitt fatturi li gew esebiti minn Frank Rapa ghan-nom tas-socjeta' attrici[3] . Infatti l-konvenuti mhux jikkontestaw dan l-ammont, kif anke jirrizulta min-nota ta' l-eccezzonijiet taghhom u mid-depozizzjoni tal-konvenut . Il-konvenut da parti tieghu esebixxa tliet fatturi ntestati lil Rapa Brothers Co. Ltd. fl-ammont totali ta' Lm801.75[4] . Madankollu rrizulta mill-provi u mid-depozizzjoni ta' l-istess konvenut Joseph Grima illi x-xoghol li ghalieh jirreferu l-fatturi minnu esebiti sar f'post residenzjali n-Nadur proprjeta' ta' Frank Rapa, wiehed mid-diretturi ta' Rapa Brothers Co.Ltd. u s-socjeta' attrici ma kellha xejn x'taqsam mieghu[5] . Infatti jammetti l-istess konvenut illi l-fatturi tieghu ndirizzahom lil Rapa Brothers Co.Ltd. ghax :

"*… jien meta jqabbadni bniedem, jista' jkun dal-bniedem, jista' jkun il-bniedem l-iehor, jekk ikun dan xi manager ta' kumpanija, jien ha nindirizzaha lil-kumpanija, mhux ser nindirizzaha lilu . Issa dan ma kienx ftehim illi kien ghalih jew kien ghal kumpanija . Jien ghamiltu fuq il-kumpanija.*"[6]

---

[1] Ara art. 1196 u 1197 Kap. 16 .
[2] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol. VIII. para. 5 .
[3] dokti.RB.1 sa RB.6 a fol. 14 –20 tal-process
[4] dokti.GJ.1 sa GJ.3 a fol. 32 – 34 tal-process.
[5] Ara xhieda Jospeh Grima a fol.25 29 tal-process
[6] ibid. a fol. 25

Jirrizulta ghalhekk illi gialadarba d-dejn mhux bejn l-istess zewg persuni, jonqos wiehed mill-elementi mehtiega sabiex tkun tista’ ssir it-tpacija . Ghaldaqstant ma jidher illi baqa’ ebda gustifikazzjoni ghaliex il-konvenuti m’ghandhomx ihallsu l-ammont hawn mitlub mis-socjeta’ attrici .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija seba’ u tmenin lira maltija (Lm887) rapprezentanti valur ta’ diversi konsenji ta’ *ready mix* mibjugh u konsenjat lilhom .

Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mid-dati tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti .

S13898Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------